MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 247/2010

**Carmel Schembri u Carmen Schembri**

**vs**

**Phone Direct Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf li bih l-atturi, wara li qalu:

Illi in forza ta' skrittura datata 17 ta' Novembru, 2004 l-atturi krew lis-socjeta` konvenuta il-garaxx numru hamsa

(5), li jgib l-isem “Adrian”, f’Tal-Handaq Road, Qormi, bil-kera u bil-pattijiet u kondizzjonijiet hemm elenkati.

Illi in forza ta’ skrittura ohra datata sebgha (7) ta’ Marzu, 2005 l-atturi krew lis-socjeta` konvenuta l-garaxx bin-numru sitta (6) li jgib l-isem “Claudia” f’Tal-Handaq Road, Qormi, bil-kera u bil-pattijiet u kondizzjonijiet hemm elenkati.
0
Illi b’sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti tal-1 ta’ Marzu, 2010 is-socjeta` konvenuta giet ordnata sabiex zmien xahar mid-data tas-sentenza tizgombra mill-imsemmija zewg garaxxijiet.

Illi quddiem il-Qorti tal-Magistrati hemm kawza ohra pendenti fl-ismijiet premessi fejn l-atturi qed jitolbu li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta’ €11,450.90 rapprezentanti arretrati ta’ kera dovuti mis-socjeta` konvenuta rigwardanti z-zewg garaxxijiet fuq imsemmija sat-30 ta’ Novembru, 2008.

Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici ulterjuri a favur l-atturi fis-somma komplessiva ta’ tlieta u ghoxrin elf, tlett mija u sitta u ghoxrin ewro u tlieta u tletin centezmu (€23,326.33) rapprezentanti in kwantu ghal wiehed u ghoxrin elf, mitejn u hamsa u sebghin ewro u ghoxrin centezmu (€21,051.13) kontijiet ta’ dawl u ilma taz-zewg garaxxijiet fuq imsemmija ghall-perijodu li fih il-garaxxijiet kienu mikrija lis-socjeta` konvenuta.

Illi fil-fehma tal-atturi, l-ammont fuq imsemmi huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta` konvenuta m’ghandiex eccezzjonijiet xi tressaq kontra t-talbiet attrici.

Talbet illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi l-kawza bid-dipensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi s-somma komplessiva ta’ tlieta u ghoxrin elf, tlett mija u sitta u ghoxrin ewro u tlieta u tletin centezmu (€23,326.33)

rapprezentanti in kwantu ghal ta' wiehed u ghoxrin elf, mitejn u hamsa u sebghin ewro u ghoxrin centezmu (€21,275.20) arretrati ta' kera dovut fuq iz-zewg garaxxijiet imsemmija ghall-perjodu mill-1 ta' Dicembru, 2008 sal-31 ta' Marzu, 2010 u in kwantu ghal elfejn u wiehed u hamsin ewro u tlettax il-centezmu (€2,051.13) kontijiet ta' dawl u ilma taz-zewg garaxxijiet fuq imsemmija ghall-perijodu li fih il-garaxxijiet kienu mikrija lis-socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju ppresentat kontestwalment, u bl-imghax legali mill-31 ta' Marzu, 2010 sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta` konvenuta li d-diretturi taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u b'rizerva ghall-azzjoni ghad-danni spettanti lill-atturi kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi r-rikors mahluf u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejjhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 et seqq. Tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------